MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2014

Avviz Numru. 303/2014

**Fl-atti tal-Kawza Numru 298/14 CSH fl-ismijiet:**

**Ivan Azzopardi ghan-nom ta' Cresta Property Services Limited (C-38091) fil-kwalita' taghha ta' Amministratur ta' Madliena Village Owners Association**

**vs**

**Tamara Jane Caruana, Paul Caruana**

**u CISSA Limited (C-36023)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-esekutat Tamara Jane Caruana li gie pprezentat nhar it-3 ta' Settembru 2014 fejn ippremettiet:

*"Illi l-esekutant Ivan Azzopardi ghan-nom ta' Cresta Property Services Limited (C-38091) fil-kwalita' taghha ta' Amministratur ta' Madliena Village Owners Association talab u ottjena l-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1797/14 kontra l-ezekutati fl-ammont ta' ghaxart elef, tmien mija u erbgha u disghin ewro u tlieta u disghin centezmu (€10,894.93) u bil-kawzali indikat bhala "dovuti ghall-kontribuzzjonijiet ghall-partijiet komuni tal-kumpless Madliena Village...";*

*Illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju [Dok. 'A'] de quo m'ghandux jinzamm fis-sehh u dana ghar-ragunijiet segwenti:*

1. *Illi l-mandat odjern gie ntavolat minn naha tal-esekutant kontra l-esekutata Tamara Jane Caruana et in konnessjoni ma' kontribuzzjonijiet ghall-partijiet komuni tal-kumpless Madliena Village;*
2. *Illi fl-ewwel lok l-esponenti tirrileva illi hija m'ghandha l-ebda proprjeta' f'isimha proprju fl-imsemmi kumpless 'Madliena Village';*
3. *Illi l-azzjoni mressqa mill-esekutant kienet ta' pregudizzju kbir ghar-rikorrenti li saret taf b'tali sekwestru fl-ahhar tal-gimgha l-ohra meta hija kienet ghadha kemm harget numru ta' cheques ghaliex kien imissha tithallas il-paga taghha.*

*Dawn ic-cheques (fosthom dawk li uzat sabiex thallas l-ispejjez tal-iskola ta' binha) ma gewx imsarrfa ghaliex il-paga taghha giet mizmuma mill-Bank u r-rikorrenti spiccat wehlet numru ta' penali minhabba dan. L-istess gara meta l-pagament mensili tal-loan li hija ghandha mal-Bank ma setax jigi effetwat.*

4. *Illi r-rikorrenti tikkontendi li anke fuq bazi ta' 'prima facie' jidher car li dan il-mandat li sar kontra l-esekutata hu bla bazi u vessatorju fil-konfront taghha u qed jikkawzalha pregudizzju kbir u fl-umli opinjoni tal-ezekutata l-Qorti ghandha ticcensura l-mod kif inhareg dana l-mandat minghajr ma saret ricerka dwar min huma s-sidien proprji tal-proprjetajiet mertu tal-kawza;*

*Ghaldaqstant, in vista tar-ragunijiet hawn fuq spjegati, l-esponenti-esekutata umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Titratta dan ir-rikors b'urgenza;*
2. *Tirrevoka, thassar u tikkancella l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1797/14 a tenur tal-Artikolu 836(1) (b), (d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*
3. *Tikkundanna lill-attur-esekutant sabiex ihallas lill-esponenti dik is-somma ta' mhux anqas minn elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu [1164.69 Ewro] u mhux aktar minn sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin ewro u tnax-il centezmu [6988.12 Ewro] bhala penali u dan ai termini tal-Artikolu 836(8) (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*
4. *Tikkundanna lill-attur-esekutant sabiex ihallas ammont rapprezentanti danni li ssubiet l-esekutata minhabba dan il-mandat u dan ai termini tal-Artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*
5. *Tawtorizza lill-esekutata sabiex tizbanka kwalunkwe ammont li konsegwenti ghall-mandat ta' sekwestru suindikat, jista' jigi depozitat permezz ta' cedola/i fir-Registru tal-Qorti.*

*Bl-ispejjez kontra l-esekutant."*

Rat ir-risposta ta' Ivan Azzopardi nomine li giet ipprezentata fir-Registru tal-Qorti nhar it-18 ta' Settembru 2014 fejn eccepixxa s-segwenti:

*"Illi l-ammont reklamat mill-attur nomine in forza tal-azzjoni fl-ismijiet premessi jirrelata dwar il-kontribuzzjonijiet dovuti mill-intimati, jew min minnhom, in rigward l-amministrazzjoni tal-partijiet komuni tal-kumpless ta' appartamenti maghrufa bhala Madliena Village, u dan in kwantu ghas-sehem dovut ghal units 501 u 508, kif ukoll "The Cottage" u Garages 5004 u 7002, u dan kif dettaljat ahjar fl-azzjoni intavolata kontestwalment mal-mandat in kwistjoni.*

*Illi minn informazzjoni li nghata l-Amministratur attwali minn Amministraturi precedenti ta' dan il-kumpless ta' appartamenti, l-intimati lkoll flimkien, separatament u/jew fi kwalita' rapprezentattiva taghhom, huma proprjetarji tal-units imsemmija, illi r-rikorrenti Tamara Jane Caruana hija azzjonista fi hdan is-socjeta' CISSA Limited, u dan kif jirrizulta mill-estratt li ttiehed mis-sit elettroniku tal-Malta Financial Services Authority.*

*Illi permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti qed tiddikjara li hi personalment ma ghandhiex proprjeta' fil-kumpless imsemmi, u ghalhekk qed titlob li l-mandat kawtelatorju in kwistjoni ghandu jigi revokat u mhassar fit-totalita' tieghu; illi l-esponenti huwa tal-umli fehma illi tali talba m'ghandhix tigi akkolta, ghaliex fl-ewwel lok, tali allegazzjoni ghandha tigi trattata u deciza fil-mori tal-kawza li*

*gietipprezentata kontestwalment ma' dan il-mandat, oltre illi, kemm-il darba tali eccezzjoni tirrizulta gustifikata, allura t-talba ghar-revoka ghandha tkun se mai limitata ghar-rikorrenti, u mhux b'mod generali anke in rigward l-intimati l-ohra, kif giet impostata t-tieni talba fir-rikors odjern. Illi ghalhekk tali talba ghandha tigi michuda.*

*Illi in oltre, u minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq rilevat, jehtieg illi r-rikorrenti tipprova a sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti li jezistu ragunijiet validi u sufficjenti sabiex it-talba taghha ghar-revoka tal-mandat odjern tigi akkolta, stante illi fir-rikors taghha, ir-rikorrenti taghmel referenza ghall-pregudizzju li soffriet, minghajr ma elaborat dwar kif huma applikabbli ghall-kaz taghha il-provvedimenti tas-subincizi tal-Artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li in bazi taghhom gie propost dan ir-rikors.*

*Illi jsegwi ghalhekk illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu lkoll michuda, u dan bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti."*

**Tamara Jane Caruana** xehdet fit-8 ta' Ottubru 2014 fejn iddikjarat li hija qatt ma giet notifikata b'mandat ta' sekwestru fil-konfront taghha. Hija saret taf b'dan il-mandat wara li hija kienet marret tixtri minn supermarket u l-*card* taghha ma gietx accettata ghall-hlas li kellha taghmel. Naturalment hija hassitha mbarazzata hafna ghax ma kienitx taf effettivament x'kien qed jigri. Peress li kien lahaq l-ahhar tax-xahar naturalment hija kienet harget diversi cekkijiet biex thallas pagamenti taghha. Hija spjegat li l-paga taghha giet imwaqqfa minhabba l-mandat ta' sekwestru li kien hemm u ghalhekk ma kellhiex flus. Pero' xi ftit cekkijiet lahqu ssarrfu u zammewlha c-charges bil-kliem *referred to drawer*. Ix-xhud stqarret li kien imbarazzanti hafna wkoll ghax kellha ccempel lil min kien

ghadu ma sarrafx ic-cekk tieghu u dan biex ma jsarrfuhomx. Ix-xhud ipprezentat numru ta' dokumenti li jindikaw li t-*transactions* ma sarux. Dawn gew immarkati komplessivament bhala Dokument Z.

Ix-xhud iddikjarat li m'ghandha x'taqsam xejn mal-garaxxijiet numru 5004 u 7002 u lanqas m'ghandha x'taqsam mal-appartamenti 501 u 508 gewwa Madliena Village. Lanqas b'mod indirett m'ghandha x'taqsam ma' din il-proprjeta'. Hija sostniet li m'ghandha x'taqsam xejn lanqas mas-socjeta' Cissa Limited. Hija kull ma ghandha huwa *one share* f'din il-kumpanija biss.

Ix-xhud sostniet li ma taf xejn dwar din il-kumpanija ghaliex hija proprjeta' effettivament ta' huha. Dawn il-proprjetajiet huma jew ta' huha jew ta' din il-kumpanija. Taghha m'humiex zgur. Hija ma tafx jekk effettivament hemmx xi kawza lanqas fil-konfront taghha. Hija spjegat illi taf li hadulha l-flejjes mill-kont taghha u dawn gew depozitati l-Qorti. Hija kkonfermat kif jirrizulta minn din ic-cedola li esebiet u li giet immarkata bhala Dokument X li mill-kontijiet taghha ttiehdet is-somma ta' ghaxart elef, tmien mija u erbgha u disghin. Skont ic-cedola ta' depozitu 1829/14 taf li gew depozitati ghaxart elef, tmien mija u erbgha u disghin ewro u tlieta u disghin centezmu pero' skont id-dokumenti S u T li esebiet, effettivament gew depozitati hafna aktar, 'il fuq minn hdax-il elf. Mistoqsija dwar il-proprjeta' "The Cottage" gewwa l-Madliena Village kkonfermat li m'ghandhiex x'taqsam maghha. Din hija r-residenza ta' huha u sa fejn taf hi tappartjeni lil-kumpanija tieghu.

**Ivan Azzopardi** xehed fl-14 ta' Ottubru 2014 fejn iddikjara li huwa ilu jokkupa l-kariga ta' amministratur ta' Madliena Village ghal dawn l-ahhar sitt xhur. Huwa spjega illi fl-Annual General Meeting is-sidien iddecidew illi dawk is-sidien illi ma

kienux qed ihallsu l-pagamenti dovuti minnhom sabiex l-Association taghmel l-ghalmu taghha u tigbor dawn l-arretrati. Naturalment jinkludu wkoll l-ispejjez tal-Qorti. Huwa tenna li filfatt kien ghamel il-mandat fil-konfront ta’ Tamara Jane ghaliex tifforma parti minn Cissa Limited. Mistoqsi mill-Qorti x’proprjeta’ ghandha Tamara Jane wiegeb hija ghandha proprjeta’ fil-kumpless f’isem il-kumpanija TJC Limited. Huwa kien kellem lil Tamara Jane qabel ma gew intavolati l-mandati fil-konfront taghha.

Ix-xhud sostna li huwa kien mexa fuq informazzjoni li giet moghtija lilu mill-amministratur precedenti u ghalhekk skont informazzjoni li giet moghtija lilu l-*garages* numru 5004 u 7002 u l-appartamenti numru 501 u 508 gewwa Madliena Village jappartjenu lil Tamara Jane Caruana kif ukoll lil Cissa Limited u lil Paul Caruana. Huwa personalment ma kien ghamel l-ebda verifiki biex jara jekk effettivament Tamara Jane Caruana hijiex proprjetarja ta’ dawn il-proprjetajiet u lanqas illum ma jaf jekk effettivament hix proprjetarja taghom jew le.

Illi f’din il-kawza ir-rikorrenti qed titlob ir-revoka ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 1797/14 fejn gew maqbuda xi flejjes proprjeta’ personali taghha u dan ghaliex tghid li hija personalment mhix debitrici tal-intimat u m’ghandha l-ebda relazzjoni mal-Village Owners Association ta’ Madliena Village. Bil-gurament taghha tghid li l-proprjeta’ li dwarhom hemm xi kontestazzjonijiet dwar nuqqas ta’ pagamenti lill-amministrazzjoni ta’ Madliena Village ma jappartjenux lilha u ghalhekk l-intimat ma kellu l-ebda raguni valida ghaliex jissekwestra flusha. L-intimat min naha tieghu jammetti li ma ghamel l-ebda verifiki personali qabel ma pprezenta l- mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 1797/14 u strah biss fuq l-informazzjoni li nghatat lilu mill-awturi tieghu

fejn qalulu li r-rikorrenti kienet sid il-garaxxijiet numri 5004 u 7002 u tal-appartamenti numri 501 u 508 gewwa l-istess kumpless ta' Madliena Village.

Illi fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2014 dehru l-partijiet assistiti mill-avukati rispettivi taghhom u trattaw il-mertu ta' dan ir-rikors u talbu li din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrenti qed titlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1797/14 illi nħareg fuq talba ta' l-intimat u qed ticcita tlett kawzali ossija s-**sub incizi (b), (d) u (f) tal-Artiklu 836 (1) tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi **s-sub-artikoli tal-Artikolu 836** indikat mir-rikorrenti isemmi fost ir-ragunijiet li jiggustifikaw it-tneħħija tal-mandat;

(b) *"jekk, fit-talba tal-konvenut ghat-tnehhija ta' l-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew illi fi zmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lir-rikorrenti li jhallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta' bizzejjed:*

*Izda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm ragunijiet ta' urgenza ghall-hrug tal-mandat.*

(d) *Jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew eccessiv*;

(f) *jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieg jew gustifikabbli*".

Fir-rigward tal-proceduri li jsiru *ai termini* tal-**Artikolu 836**, il-Qorti kemm-il darba għamlitha cara illi hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna, il-procedura maħsuba fl-**Artikolu 836** għandha tkun waħda sommarja u l-eżami taghha għandu jkun biss ta' *prima facie*. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża **"Camilleri vs Gove et"** deciża fl-10 ta' Mejju 2001; mid-dispożizzjoni tal-istess **Artikolu 836** jidher li l-uniku eżami li trid taghmel din il-Qorti huwa biss dak ta' *prima facie* u dan għaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn *si tratta* dejjem ta' procedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja. (ara wkoll is-sentenza fil-kawża **"Emanuel Sammut vs Josephine Sammut"** deciża fil-5 ta' Gunju 2003, PA/RCP – **"Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co Ltd"** tas-7 ta' Frar 2001 u PA/JRM – **"Mediterranean Flower Products Limited vs Flower Power (Sales) Limited"** tat-30 ta' Dicembru 2008). Jispetta lir-rikorrenti li jaghmlu l-prova tat-talbiet taghhom ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru de quo u tat-talbiet l-ohra relatati. *In ogni caso*, f`dak li sejra tipprovdi llum, din il-Qorti bl-ebda mod ma ghandu xi hadd jifhem li qeghda tippronunzja ruhha dwar il-mertu. (sottolinear ta' din l-Qorti)

Illi għalhekk il-Qorti trid tara jekk *prima facie* jeżistux ragunijet, dejjem skond is-sub-artikoli msemmija mir-rikorrenti, biex il-mandat jigi revokat, parzjalment jew *in toto*.

Illi l-Prim'Awla tal Qorti Civili kienet iddecidiet kawża rigward l-artikolu msemmi (u cioe' **"Tal-General vs Kunsill Lokali Mosta"** – deciza fl-24 ta' Frar 2010) li fiha qalet illi:

*"(mandat) Ma għandux jinħareg biex igib l-allegat debitur għarkubbtejh, bid-dovut rigward għad- drittjiet tal-allegat kreditur illi jekk ikollu indizju car li l-kreditu tiegħu jista' jigi eluż (kif kien jingħad fir-rikorsi għall-ħrug tagħhom antikament, u cioe' qabel ir-rikorsi saru formoli apposta) ikun jista' jitlob miżuri maħsuba mill-istess ligi biex jipprotegi d-drittijiet tiegħu."*

Illi fil-kaz in desamina jirrizulta li r-rikorrenti fil-vesti taghha personali ma ghandha x'taqsam xejn mal-allegat debitu tal-intimat u ghalhekk l-intimat ma messu qatt hareg il-mandat kawtelatorju fil-konfront taghha. Illi ma hemmx dubju li l-intimat ma wera l-ebda raguni ghaliex it-talba tieghu hija *prima facie* *g*ustifikata u ghaliex ghandha tigi milqugha. Tant u hekk li fix-xhieda tieghu l-intimat qal li ma ghamel l-ebda ricerka dwar min hu responsabbli ghad-debitu dovut lilu nomine, izda qaghad biss fuq dak li qalulu l-awturi tieghu. Mentri r-rikorrenti spjegat kif efettivament hija sofriet danni meta c-cekkijiet li harget mill-kont bankarju taghha ma ssarfux u apparti li nkisret mad-debituri taghha ghaliex hallset permezz ta' cekk li ma ssarrafx, il-bank gieghla thallas ukoll xi bank charges ghal dan in-nuqqas.

Illi ma jirrizulta l-ebda raguni 'l ghala dan il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju mahrug fuq ir-rikorrenti ghandu jibqa' in vogore u ghalhekk m'hemmx dubbju li dan il-mandat kawtelatorju numru 1797/14 ghandu jigi revokat immedjatament u limitatament fil-konfront tar-rikorrenti fil-vesti taghha personali.

Illi fir-rikors promotur taghha ir-rikorrenti qieghda titlob ukoll li din il-Qorti ghandha tikkundanna lill-intimat ihallas penali ai termini ta' l-**Artikolu 836(8)(d)** stante li dan il-mandat li talab l-intimat talbu bla ma ghamel il-verifiki tieghu u ghalhekk fic-cirkostanzi huwa wiehed vessatorju u ghalhekk din il-Qorti ghandha tillikwida d-danni li sofriet ir-rikorrenti ai termini tal-**Artikolu 836(9)** tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi b'effett tal-Att XXIV tal-1995, l-**Artikolu 836(9)** li jirreferi ghas-subartikolu (8) jindika l-kazi *ad hoc* fejn persuna tista' taghmel citazzjoni kontra l-persuna li fuq talba taghha jkun inhareg il-mandat kawtelatorju, sabiex ihallas dawk id-danni li dik il-persuna setghet garrbet bil-hrug tal-mandat, u l-kazijiet indikati ai termini tas-**subartikolu (8) u (9)** huma s-segwenti:

*"(a) jekk ir-rikorrent ma jaghmilx il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stipulat mill-ligi;*

*(b) jekk, fuq it-talba tal-konvenut ghat-tnehhija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew fi zmien hmistax-il jum qabel ma sar ir-rikors ghall-hrug tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurita' bizzejjed. Izda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma*

*ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raguni ta' urgenza ghall-hrug tal-mandat;*

*(c) jekk ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidita' tieghu u dwar il-kapacita' finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew;*

*(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizzja, tkun frivola, jew vessatorja.*

Illi fis-sentenza "**SN Properties Limited vs George Camilleri**" (Prim' Awla (RCP), 6 ta' Gunju 2000) din il-Qorti sostniet li:

*"minn ezami tal-istess ragunijiet jidher car, li apparti xi ragunijiet specifici li gew introdotti per se fl-istess artikoli, l-ispirtu tal-istess artikoli huwa ntiz, sabiex bhal ma stabbilit fil-gurisprudenza kostanti ezistenti qabel il-promulgazzjoni tal-istess emendi, ma jkunx hemm abbuz minn tali hrug ta' mandati kawtelatorji, u dan l-abbuz huwa identifikat f'kazijiet ta' mala fede, vessatorjeta' u negligenza grossolana."*

Illi fl-opinjoni ta' dik il-Qorti tali kazijiet m'eliminawx per principju l-azzjoni generali ghad-danni fuq Qrati tal-Gustizzja riferita fis-sentenzi citati ai termini tal-**Artikolu 1031 tal-Kapitolu 16,** dejjem fil-kuntest u b'konsegwenza ta' dritt ta' azzjoni, pero' in verita' u fil-prattika tali azzjoni, diretta ghall-hrug ta' mandati kawtelatorji, giet illum kristalizzata bl-istess **Artikolu 836(9).** Dan ghaliex l-istess

artikolu introdott bil-ligi tal-1995, ikkodifika u applika l-principji elenkati fil-gurisprudenza ta' qabel in materia, dwar l-ezercitazzjoni ta' azzjoni ta' danni wara l-hrug ta' mandat kawtelatorju, u minn ezami tal-istess ragunijiet hekk elenkati, huwa difficli li wiehed jahseb li hemm ragunijiet barra dawk elenkati fl-istess **Artikolu 836**, fejn l-azzjoni in generali tista' tirnexxi.

Illi l-posizzjoni dwar kawza ta' danni b'konsegwenza diretta ta' intavolar da parte tal-intimat ta' rikors ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju (f'dan il-kaz mandat ta' sekwestru) gie trattat fil-kawza fl-ismijiet "**Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri**" (Prim' Awla (J.S.P.) 10 ta' Jannar 1992) fejn gew rijaffermati s-segwenti principji:

(a) Illi huwa principju fondamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju jkun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbati haddiehor, in omagg ghall-massima "qui suo iure utitur, non videtur damnum facere", bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-cittadin ma ghandu bl-ebda mod jigi mxekkel.

(b) Illi tali dritt tac-cittadin ghar-rikors lejn il-Qorti ma ghandux jigi abbuzat.

(c) Illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma tfisser necessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. "*Non e' in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il riconoscimento, sebbene non vi riesca*" ("**Demajo vs Page**" -Vol. XV. Pg. 34. P.A. 24. 1. 1895) Dan ghaliex ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru wkoll li l-ligi hija soggetta ghall-diversi interpretazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta u jiddeciedi dwarhom.

(d) Illi tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' ("**<u>Emanuele Calleja vs Carmelo Grima</u>**" -A.C. -XXXIX. I. 24) nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpusa ("**<u>Agius vs Dott. Carbone nomine</u>**" -XIII. 434 10.4.1890), fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti "*priva di fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a leggittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite*". ("**<u>Mugliette vs Bezzina</u>**" -XXVI. I. 405).

(e) Illi dan l-ahhar principju huwa bbazat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi:-"*Il diritto cessa dove comincia l'abbuzo … … riteniamo che basta, per prottegere tutti l-interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano bisogni della societa', di aderire al concetto generale che tutti I diritti hanno dei limiti*".

Applikat dan il-principju ghad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi "chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo' essere condannato a pagare un' indemnita' al suo avversario…..". (**Baudry - Lacantinerie. – Trattato Prattico di Diritto Civile -Delle Obligazioni**-Vol. VI. Pg. 560).

Illi dan ifisser illi dak li l-Qorti trid tara f'dan l-istadju tar-rikors huwa jekk l-intimat kellux prima facie bazi guridika li fuqha seta' jagixxi sabiex johrog mandat kawtelatorju, u dan fid-dawl tal-principju li d-dritt per se ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandu bl-ebda mod jigi pregudikat, u wisq inqas id-dritt ta'

persuna li tipproteggi l-interess taghha sakemm id-dritt sostantiv jigi finalment determinat mill-istess Qorti. Illi minn dan isegwi li anke jekk jigi determinat fil-pozittiv li r-rikorrenti kellu dritt jagixxi sabiex jissalvagwardja il-pretensjonijiet tieghu, kif intqal fid-decizjoni "**Visa Investments Limited vs Blye Engineering Co. Ltd**" (Prim' Awla (RCP) 7 ta' Frar 2001) "*Illi ovvjament dan ma jfissirx li tali azzjoni tas-socjeta' intimata ser tirnexxi, ghaliex id-determinazzjoni tal-istess talbiet tispetta biss lil dik il-Qorti li qed tisma' l-mertu tal-kawza u fl-ambitu tal-kawza proprja dwar il-mertu*". Ta' l-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet "**Cammast Ltd vs Joseph E Gauci et**" – Prim'Awla (RCP), 31 ta' Mejju 2000.

Illi din id-diskrezzjoni tal-Qorti dwar l-imposizzjoni tal-penali tirizulta mill-istess **subartikolu (8) tal-Artikolu 836** fejn il-Ligi testwalment tghid li "*il-Qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun hareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali….*"

Illi huwa ovvju li l-kelma "*tista*'" taghti lill-Qorti l-fakolta' jew li timponi l-hlas ta' tali penali jew le, u tali diskrezzjoni tal-gudikant tapplika wkoll fil-kaz tal-ammont ta' penali li ghandha tigi mposta fuq l-intimat.

F'dan il-kaz, din il-Qorti thoss li ghandha tigi applikata penali fil-konfront ta' l-intimat u dan ghandu jittiehed bhala deterrent sabiex jiskoraggixxi lill-intimat li johrog tali mandat kawtelatorji minghajr ma jiehu responsabbilita' tal-att minnu prezentat, ghaliex facilment jista' jkun li f'xenarju iehor il-konsegwenzi tal-atti tal-intimat jkunu bil-wisq izjed serji specjalment meta jigu kkawzati danni serji lir-rikorrenti.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa’ it-talba rikorrenti u tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta’ elf ewro (€1,000) lir-rikorrenti u dan bhala penali likwidati ai termini tal-Artikolu 836 (8) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li qieghda tichad ir-risposta prezentata mill-intimat u qieghda tilqa’ wkoll it-talba tal-istess rikorrenti sabiex tordna lill-intimat johrog kontro-mandat fuq il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 1797/14 u dan b’effett immedjat.**

**Inoltre, tawtorizza lir-rikorrenti tizbanka kwalunkwe ammont li konsegwenti ghall-mandat ta’ sekwestru suindikat, seta’ gie depozitat permezz ta’ cedola/i fir-Registru tal-Qorti.**

**L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-intimat Ivan Azzopardi nomine.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------